MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Numru. 672/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daniel Zammit]**

**vs**

**Shone Carmel Agius**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shone Carmel Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 123673(M).

Akkuzat talli:
Nhar it-28 ta’ Mejju 2011, ghall-habta tat-tlieta u ghoxrin minuta ta’ wara nofsinhar, ikkommetta serq minn gewwa ‘Jeff’s Pastizzeria’ sitwata fi Triq il-Kbira, Zebbug, ghad-dannu ta’ Wayne Saliba, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u

disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, u bi ksur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikoli.

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 49, 50, 289(1) u 279 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qeghda ssib lill-imputat Shone Carmel Agius hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah tlieta u ghoxrin (23) xahar prigunerija.  Inoltre, f'dan il-perjodu l-imputat ghandu jinghata kull ghajnuna sabiex jirrijabilita ruhu mid-dipendenza fuq id-droga u anke permezz ta' programm opportun.

Finlament tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------